MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 672/1992/2

Joseph **BORĠ** fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' J.E.M. Investments Limited

vs

Norman **BUCKLE** fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Chevron Limited u l-istess Norman Buckle u Victor Balzan bħala Diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' B and B Property Development Company Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta' Lulju, 2006, li bih l-attur appellat Joseph Borġ, fil-kwalita' tiegħu hawn fuq imsemmija, ippremetta li:

"Biċ-Ċitazzjoni fil-kawża fl-ismijiet premessi l-esponenti, wara li ippremettiet li s-soċjeta' konvenuta "Chevron Limited" iddikjarat ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' Lm 285,000 skond kuntratt tas-27 ta' Settembru, 1986, fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, liema somma kellha tiġi mħallsa f'rati mensili ta' Lm 28,500 il-waħda bl-imgħax tas-6% u taħt dawk il-pattijiet stipulati fl-istess kuntratt li ġie esebit u markat bħala Dokument A, u illi s-soċjeta' konvenuta l-oħra "B and B Property Development Company Limited" iggarantiet flimkien u in solidum mal-mutwatarju "Chevron Limited" favur il-mutwant attur l-obbligazzjonijiet assunti mid-debitur favur l-attur kreditur, aċċettanti; u illi s-soċjetajiet konvenuti ma ħallsux l-ammont li kien skada fis-26 ta' Settembru, 1989, u għalhekk l-attur istitwixxa proċeduri li jiffurmaw il-mertu tal-kawża bin-numru 64/90; u illi s-soċjetajiet konvenuti fil-fatt kienu għadhom ma ħallsux l-ammont li kien dovut li kien jifforma l-mertu tal-imsemmija kawża u lanqas ma kienu ħallsu l-pagament li kien dovut fis-26 ta' Marzu, 1999, avolja ai termini tal-istess kuntratt huma kienu obblgaw ruħhom li huma kienu sejrin jagħmlu hekk meta kien jiskadi l-pagament; u illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-attur (*recte*: *nomine*) l-konvenuti ma kellhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu u għalhekk l-attriċi talbet li l-kawża tinqata' ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' Lm 27,327.10 dovuta ai termini tal-fuq ċitat kuntratt, liema pagament skada fis-26 ta' Marzu, 1990;

"Il-konvenuti, wara li ġew mogħtija d-dritt li jikkontestaw it-talba attriċi, ikkontestaw it-talbiet attriċi fis-sens li fl-ewwel lok qalu li l-ammont mitlub mhux dovut jew mhux dovut fl-interezza tiegħu billi kif jirriżulta mill-konteġġi li jridu jsiru bejn il-partijiet, huma allegaw li ħallsu ammont akbar mill-

iskadenzi li saru dovuti sa dak inhar u fit-tieni lok, li l-ammont mhux dovut billi l-attur (*recte: nomine*) jinsab inadempjenti fl-obbligi minnu assunti fuq l-istess kuntratt fis-sens li naqas li jonora l-obbligi kollha naxxenti mill-kuntratt l-ieħor kontestwalment konkjuż bejn il-partijiet, fis-sens li skond il-konvenuti hemm ammont ta' *income tax* dovuta f'ammont superjuri għal dak miktub fiċ-ċitazzjoni, għal liema l-attur (*recte: nomine*) huwa, skond l-istess kuntratt, responsabbli;

"Li l-kawża ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 2002, u dik il-Qorti laqgħet it-tieni talba attriċi u ikkundannat lis-soċjetajiet konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi/rikorrenti s-somma ta' Lm 27,327.10 bl-imgħaxijiet legali kif mitluba, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetajiet konvenuti;

"Is-soċjetajiet konvenuti appellaw minn dik is-sentenza u b'sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' April, 2006, is-sentenza msemmija ġiet varjata fis-sens li s-soċjetajiet konvenuti ġew kundannati jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' Lm 16,232.99 bl-imgħax kif mitlub, kalkolabbli mill-15 ta' Marzu, 1989, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-istess Onorabbli Qorti ordnat illi l-ispejjeż, kemm dawk deċiżi in prim'istanza kif ukoll dawk tal-appell, għandhom jitħallsu nofs mill-attur *nomine* u n-nofs l-ieħor mill-konvenuti solidalment bejniethom;

"Illi l-esponenti tħoss illi ai termini tal-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hemm lok għal ritrattazzjoni tal-imsemmija sentenza;

"Illi biex waslet għall-konklużjonijiet tagħha din l-Onorabbli Qorti għamlet riferenza għall-atti tal-kawża l-oħra fl-istess ismijiet u li pero' jġibu n-numru 64/90 u senjatament għad-dokument "Ċ" li jinsab a fol 27 sa 29 ta' dak il-proċess, li huwa *statement* li kien preżentat mill-attur Joseph Borġ stess. Dan l-i*statement*, attwalment, kien ġie dikjarat żbaljat miż-żewġ partijiet;

"Jingħad li f'dan l-i*statement*, Chevron Limited ġiet kreditata b'żewġ pagamenti u ċjoe' wieħed ta' Lm 2,806

(datat 24/4/97), u ieħor ta' Lm 6,000 (datat 8/3/88). Kienet Chevron Limited stess li iddikjarat li tali żewġ pagamenti ma kinux jappartjenu lilha meta Norman Buckle ippreżenta d-dokument markat NB1 li jinsab a fol. 34 ta' dak il-proċess. Għandu jingħad li għalkemm Chevron Limited ma inkludietx dawn iż-żewġ ammonti bħala pagamenti magħmula minnha, hija inkludiet tliet pagamenti oħra, ammontanti għal Lm 13,750, li fuqhom qatt ma kien hemm qbil bejn il-partijiet. Sussegwentement, l-istess Onorabbli Qorti wkoll ma aċċettatx li tali pagamenti ammontanti għal Lm 13,750 kienu tħallsu bħala parti mid-dejn involut f'dawn il-kawżi;

"In kwantu jirrigwarda dan l-i*statement* li ġie dikjarat żbaljat miż-żewġ partijiet, din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza tagħha li qed tintalab ir-ritrattazzjoni tagħha, irriteniet hekk: *"Din il-Qorti jidhrilha li għandha tadotta bħala korrett l-istatement eżebit fil-proċeduri Ċitazz. Nru. 64/90 mhux biss għax dan l-istatement sar viċin ħafna d-data rilevanti, iżda wkoll billi dan ġia' jifforma l-meritu ta' proċeduri li ġew deċiżi minn din il-Qorti"*;

"Li l-abbli avukat tas-soċjetajiet konvenuti ikkontesta dak l-i*statement* għax indika li l-konvenuti ma kinux jaqblu miegħu f'xi tliet partiti – ara f'dan is-sens il-verbal tas-seduta li nżammet fid-29 ta' Ottubru, 1990 (fol. 30 ta' dak il-proċess). Fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 1991, l-istess avukat ippreżenta *statement* tal-patroċinati tiegħu, esebit bħala Dokument NB1 (a fol. 34 ta' dak il-proċess) intitolat "*Payments to J.E.M. Investments Limited by Chevron Limited*" fejn inkluda t-tliet pagamenti li kien għamel riferenza għalihom u eskluda ż-żewġ pagamenti ta' Lm 2608 u Lm 6000, li kienu erronjament imsemmija mis-soċjeta' attriċi/esponenti fl-ewwel *statement* tagħha. Fl-istess seduta tas-26 ta' Marzu, 1991, Norman Buckle xehed u spjega l-i*statement* li kien għadu kemm ġie presentat;

"Li wara li Joseph Borġ, ir-rappreżentant tas-soċjeta' esponenti, esamina dan l-i*statement* (Dok NB1 preżentat minn Norman Buckle), huwa reġa' xehed fis-seduta tas-17 ta' Frar, 1992 u spjega li meta kien irrediġa l-ewwel

*statement* u ċjoe' dak li fuqu kienet straħet din l-Onorabbli Qorti, huwa kien għamel żball billi kien ikkredita lis-soċjeta' Chevron Limited biż-żewġ pagamenti fuq imsemmija ta' Lm 2,608 u Lm 6,000 li Chevron Limited iddikjarat li ma kinux ħlas tagħha – Joseph Borġ xehed u t-traskrizzjoni tiegħu hija riportata a fol. 119 sa 124 tal-proċess. Hu ippreżenta *statement* ġdid li ġie immarkat bħala Dokument JBX (fol. 115 sa 117 ta' dak il-proċess). Huwa qal li fid-dokument JBX huwa indika l-pagamenti kollha li elenkat is-soċjeta' Chevron Limited (Dok NB1) inkluż it-tliet pagamenti, ammontanti għal Lm 13,750, sabiex juri li anke fil-każ li kieku dawn it-tliet pagamenti kienu rejalment tħallsu, l-ammont mitlub f'dik il-kawża kien xorta dovut. Infatti huwa qal hekk: "....*Jirriżulta illi dwar pagamenti li b'kollox jammontaw għal Lm 13,750 ma kienx hemm qbil bejnietna, fis-sens li għalkemm il-kontro-parti qed tgħid li ħallsithom, jien mhux qed naċċetta dan il-fatt. ..... Jien pero' xorta waħda għamilt statement illi juri l-pagamenti kollha li għamlu l-kontro-parti, anke dawn it-tliet pagamenti li jiena ngħid li ma daħlux, .... Dan, f'kull każ, il-pagament ta' Lm 28,000 li qed nitlob dejjem jibqa' dovut, anke bl-argument li ressqu l-kontro-parti stess. .... Allura qed nesebixxi bħala Dok JBX dan l-istatement li għamilt riferenza għalih. Dan l-istatement li qed nesebixxi bħala Dokument JXB juri li anke bl-istess argument li kieku kellu nieħdu dak li qed jgħidu l-kontro-parti, xorta jien għandi nieħu Lm 46,000, pero' jien ngħid li, fil-fatt, pagamenti saru anqas minn hekk u allura għandi nieħu aktar. Illi proprjament biex inkun korrett mas-Lm 46,000 għandhom jiżdiedu ukoll il-bilanċ ta' Lm 13,000 li jiena ngħid li għadni ma rċevejthomx*;

"Li l-i*statement* korrettorju, finali u korrett a fol. 279 sa 282 ta' din il-kawża, li juri l-bilanċ eżistenti u dovut fl-aħħar skadenzau li ġie preżentat minn Joseph Borġ qatt ma ġie kontestat mill-konvenuti u għalhekk wieħed raġonevolment jassumi li huma aċċettawh bħala veritjier u korrett fl-interezza tiegħu u in sostituzzjoni għal dak li straħet fuqu din l-Onorabbli Qorti, kif del resto aċċettatu kemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll din l-Onorabbli Qorti fil-proċedura l-oħra u ċjoe' fil-kawża 64/90. Dan l-i*statement* finali ippreżentat fid-19 ta' April, 2002, mis-

soċjeta' esponenti f'dawn il-proċeduri huwa korrett u ibbażat fuq il-pagamenti ammontanti għal Lm 13,750 li anke il-Qorti ma aċċettatx li kienu tħallsu akkont tad-dejn ta' din il-kawża;

"L-unika diverġenza li kien għad fadal bejn il-kontendenti fil-kawża l-oħra (Ċitazz. 64/90), anke fl-istadju tal-appell, kien(et) dwar it-tliet pagamenti msemmja , ammontanti għal Lm 13,750, u ċjoe' żewġ pagamenti ta' Lm 5,000 il-wieħed u pagament ieħor ta' Lm 3750. Fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha ta' dik il-kawża qalet hekk: ***"Il-kontendenti jaqblu li għall-fini ta' din il-kawża d-diverġenza dwar il-konteġġi tista' tiġi limitata għall-prova tal-pagament o meno ta' tliet ammonti minn ħamsa mhux aċċettati mill-appellant Borġ***";

"Huwa sottomess għalhekk li dan juri biċ-ċar li kemm għall-istess Onorabbli Qrati (Prim'Istanza u Appell), kif ukoll għall-istess konvenuti, d-diverġenza ta' bejn il-partijiet kienet ċirkoskritta għal dawn it-tliet pagamenti u kwindi li l-i*statement* oriġinali, li fuqu straħet din l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, fis-sentenza tagħha, ma baqax jiġi kunsidrat għax kien dikjarat żbaljat. Ciononostante, din l-Onorabbli Qorti sempliċement għamlet riferenza għall-ewwel dokument, li kif premess, sussegwentement irriżulta li kien żbaljat u infatti kienu saru l-korrezzjonijiet relattivi;

"Fir-rikors tal-appell tagħhom ta' din il-kawża, il-konvenuti lanqas biss jagħmlu riferenza għall-i*statement* oriġinali tal-attriċi jew tal-kontenut tiegħu, u ċjoe' għall-i*statement* li fuqu straħet din l-Onorabbli Qorti, u għalhekk jidher ċar li anke huma qablu li l-istess *statement* ma kellux jiġi aktar kunsidrat għall-finijiet tad-definizzjoni tal-vertenza ta' bejniethom;

"Kwindi jirriżulta ampjament illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell straħet fuq u ibbażat is-sentenza tagħha unikament fuq dokument (riżultanti biss fl-atti tal-kawża l-oħra) u liema dokument anqas biss ġie ikkunsidrat, la mill-partijiet u lanqas biss mill-Qorti tal-Prim'Istanza u li del resto kien (fl-atti ta' dik il-kawża) ippruvat bħala kontenenti fguri erroneji

u, bħala tali, kien sussegwentement ġie korrett fl-atti tal-istess kawża. Illi b'hekk jirriżulta ampjament li l-ammont likwidat mill-Qorti tat-Tieni Istanza f'din il-kawża kien unikament riżultanti minn żball li jirriżulta mill-atti u dokumenti tal-kawża;

"Jiġi sottomess ulterjorment illi l-i*statement* ippreżentat mis-soċjeta' esponenti f'dawn il-proċeduri (a fol. 279 sa 282) huwa ibbażat fuq pagamenti magħmula mis-soċjeta' konventa "Chevron Limited" li fuqhom hemm qbil assolut miż-żewġ partijiet. Pero', oltre dawn il-pagamenti, "Chevron Limited" kienet qed issostni li ħallset tliet pagamenti oħra ammontanti għal Lm 13,750 u kienet qed issostni wkoll li l-ammont sostanzjali li ħallset bħala taxxa għandu jiġi kunsidrat fil-bilanċ finali, sabiex kif ġie dikjarat fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom, jippruvaw li huma ma humiex debituri tas-soċjeta' esponenti. Iddikjarat ukoll li "l-konvenuti fil-fatt kienu għamlu diversi pagamenti li jeċċedu l-ammont skadut fuq il-kuntratt." Kien abbażi ta' dawn id-dikjarazzjonijiet li s-soċjetajiet konvenuti, fir-rikors tal-appell tagħhom, talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi. Huwa sottomess illi l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova in sostenn ta' dak minnhom eċċepit u għalhekk ġaladarba l-kontestazzjoni tal-konvenuti sabiex jiġu konsidrati l-ħlasijiet li ma kienx hemm qbil dwarhom ġew respinti, il-Qorti, bir-rispett kollu, setgħet biss tikkonferma t-talba attriċi abbażi tal-i*statement* a fol. 279 sa 282 u mhux, ukoll, li tbiddel l-ammont mitlub abbażi tal-i*statement* li kien ġie, per ġunta, dikjarat li huwa żbaljat;

"Illi għalhekk huwa ovvju, bir-rispett kollu, illi din l-Onorabbli Qorti għandha taċċetta t-talba tal-esponenti li l-istess sentenza għandha titħassar u tiġi revokata u l-kawża ritrattata għax is-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża;

"Għaldaqstant fil-waqt li s-soċjeta' esponenti tannetti mal-preżenti proċeduri l-malleverija ai termini ta' dak provdut fl-artikolu 249 tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta, l-esponenti titlob bir-rispett li s-soċjetajiet konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex, għar-raġunijiet premessi,

(1) prevja r-revoka u t-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' April, 2006, fl-ismijiet premessi u a tenur tal-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma għandhiex tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet premessi – kollox isir taħt dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jogħġobha timponi;

"Bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet intimati, minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom";

Rat it-Tweġiba mressqa mis-soċjetajiet intimati appellanti fid-19 ta' Ottubru, 2006, li biha esponew l-oppożizzjoni tagħhom għat-talba li l-appell jerġa' jistema' mill-ġdid bit-tħassir tas-sentenza appellata billi qalu li:

"Illi fir-rigward tar-ritrattazzjoni ppreżentata mill-attur, l-esponenti jirrilevaw li s-sentenza in kwestjoni ma għandhiex il-vizji mill-liema (*sic*) jilmenta l-attur u għalhekk ma hemmx lok għall-ebda ritrattazzjoni billi s-sentenza ġiet deċiża bid-dokumenti kollha li ġew preżentati fid-diversi stadji tal-proċeduri meħuda in konsiderazzjoni. Huwa stramb kif l-attur qiegħed jilmenta billi s-sentenza segwiet dokument ippreżentat mill-attur stess li huwa qiegħed jgħid li huwa inkorrett jew erroneju. Ċertament jekk l-attur ippreżenta dokumenti li kienu juru pożizzjoni falza jew qarrieqi '*imputet sibi*' u ma jistax jilment(a) li l-Qorti ħadet żball billi jkun huwa stess li induċa lill-Qorti f'dak l-iżball. Inoltre, jiġi rilevat li fil-fatt ma hemm l-ebda żball kif lamentat mill-attur, anzi l-Qorti kienet konservattiva ħafna fil-likwidazzjoni magħmula billi se mai l-ammont realment dovut lill-attur kellu jkun anqas billi kien hemm anke partiti oħra li ma tnaqqsux mill-Qorti, barra dawk ammessi, li kellhom korrettement fl-umli sottomissjoni tal-esponenti, jitnaqqsu;

"Għalhekk (*adde*: it-talba għar-) ir-ritrattazzjoni tal-attur għandha tiġi miċħuda b'lis-spejjeż (*sic*)";

Rat l-atti kollha tal-kawża, u kif ukoll tal-atti tal-kawża fl-istess ismijiet Numru 64/90[1] u d-dokumenti hemm esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Jannar, 2007, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża li fiha l-kumpannija attriċi appellata (aktar 'il quddiem imsejħa "ir-rikorrenti") talbet il-kundanna tal-kumpanniji mħarrkin appellanti (aktar 'il quddiem imsejħin "l-intimati") – waħda bħala debitriċi tagħha u l-oħra bħala garanti tad-debitriċi – għall-ħlas ta' somma flus dovuta taħt kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu. Is-somma mitluba kienet tirrappreżenta l-aħħar skadenza ta' ħlas li kien miftiehem f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dejn, li kellha ssir darba kull sitt (6) xhur b'seħħ minn dakinhar tal-kuntratt sakemm jinqata' d-dejn kollu fi żmien ħames (5) snin.  Matul is-smigħ tal-kawża, l-qofol tal-kwestjoni kien wieħed, jiġifieri kemm (jew jekk) mis-somma mitluba mill-kumpannija attriċi kien għadu lilha dovut;

Illi jidher xieraq li l-Qorti ssemmi ċerti fatti li jitfgħu dawl fuq aspetti tal-każ li reġa' tressaq quddiemha f'din l-istanza;

Illi l-ammont li ntalab fl-Att taċ-Ċitazzjoni meta nfetħet din il-kawża kien ta' sebgħa u għoxrin elf tliet mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija u għaxar ċenteżmi (Lm 27,327.10). F'dik l-okkażjoni, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda dokument li juri kif kienet waslet li titlob dak l-ammont;

Illi l-ewwel prospett imħejji mir-rikorrenti li ddaħħal fl-atti ta' din il-kawża kien kopja ta' dak imressaq mir-rappreżentant tagħha Joseph Borġ waqt li kien qiegħed jagħti x-xhieda tiegħu fil-25 ta' Mejju, 1990[2], fl-atti tal-kawża Nru. 64/90[3];

[1] Maqtugħa minn din il-Qorti fis-16 ta' Diċembru, 2003
[2] Paġġ. 64-6 tal-proċess

Illi t-tieni prospett li jidher fl-atti ta' din il-kawża[4] hu kopja ta' dak imressaq mill-intimati bħala Dok "NB1" fl-atti tal-kawża 64/90[5], waqt li kien qiegħed jixhed Norman Buckle u li kien maħsub li juri l-ħlasijiet li huma kienu għamlu lir-rikorrenti dwar id-dejn li kien ġie kostitwit fil-kuntratt. F'dan il-prospett, ma jissemmewx xi ħlasijiet li r-rikorrenti kienet attribwiet lill-intimati fil-prospett imressaq minnha fuq imsemmi;

Illi t-tielet prospett li nsibu fl-atti ta' din il-kawża[6] huwa kopja tad-Dokument "JBX", imressaq mir-rikorrenti fl-atti tal-kawża l-oħra waqt li r-rappreżentant tagħha Joseph Borġ kien qiegħed jixhed fis-17 ta' Frar, 1992[7];

Illi r-raba' prospett – aġġornat sa Settembru tal-1991 (jiġifieri sa data qabel ma nfetħet din il-kawża – tressaq mir-rikorrenti b'Nota fid-19 ta' April, 2002[8], u li dwaru xehed mill-ġdid Joseph Borġ waqt is-smigħ tas-26 ta' April, 2002[9];

Illi l-ħames prospett tressaq mill-intimati fil-mori ta' l-appell mehmuż ma' rikors tagħhom tal-31 ta' Jannar, 2006[10], wara li l-appell kien diġa' ittrattat u l-kawża mħollija għas-sentenza;

Illi filwaqt li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata mogħtija fit-12 ta' Diċembru, 2002, straħet fuq il-prospett imressaq f'April tal-2002, biex tqis is-siwi tat-talba tar-rikorrenti, din il-Qorti, fis-sentenza li tagħha qiegħed jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid tal-appell, qagħdet fuq l-ewwel prospett hawn fuq imsemmi, u kif ukoll irriferiet għal prospett ieħor imressaq mill-intimati (ukoll fi stadju tal-appell) fil-kawża l-oħra b'nota tat-30 ta' Mejju, 1996[11], imma li qatt ma tressaq fl-atti ta' din il-kawża;

---

[3] Dak id-dokument kien ġie mmarkat bħala Dok "Ċ" f'paġġ. 27-9 ta' dak il-proċess
[4] Paġ. 69 tal-proċess
[5] Paġ. 34 ta' dak il-proċess
[6] Paġġ. 137-9 tal-proċess
[7] Paġġ. 115-7 ta' dak il-proċess
[8] Paġġ. 279 sa 282 tal-proċess
[9] Paġġ. 284-8 tal-proċess
[10] Paġġ. 346-8 tal-proċess
[11] Paġġ. 213-4 tal-proċess fl-Atti tal-Kawża 64/90

Illi b'degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2006[12], din il-Qorti (allura komposta diversament) ordnat li l-atti tal-kawża Numru 64/90 jkunu allegati mal-atti ta' din il-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-**konsiderazzjonijiet legali** li jirrigwardaw il-kwestjoni tas-smigħ mill-ġdid ta' kawża li dwarha tkun ingħatat sentenza li saret ġudikat, iridu jimxu mal-prinċipju li r-rimedju tar-ritrattazzjoni maħsub fil-Kodiċi Proċedurali Malti huwa wieħed straordinarju li jitħalla jintuża biss fil-każijiet u fiċ-ċirkostanzi msemmija espressament fl-istess Kodiċi. Minbarra dan, it-tifsira tal-istess ċirkostanzi li taħthom jista' jintalab tali rimedju, għandha tkun waħda ta' "interpretazzjoni strettissima"[13] jekk mhux ukoll b'applikazzjoni riġida li ma timxix b'xebh jew b'analoġija[14];

Illi l-proċess tas-smigħ u t-trattazzjoni mill-ġdid ta' kawża deċiża għalhekk fih żewġ fażijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*)[15]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindendo* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mil-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal

[12] Paġ. 358 tal-proċess
[13] App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)
[14] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***
[15] Kumm. **16.12.1915** fil-kawża fl-ismijiet ***Harrison noe vs Żammit noe*** (Kollez. Vol: **XXII.iii.235**)

raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, l-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi[16];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti tiddikjara li qiegħda tressaq it-talba tagħha tar-ritrattazzjoni fuq il-kawżali maħsuba fl-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din hija l-kawżali waħdanija msemmija minnha, kif titlob il-liġi, għalkemm matul ir-rikors tagħha jingħata ħjiel ta' xi aggravju ieħor li jqarreb għal raġuni oħra ta' ritrattazzjoni maħsuba fil-liġi. Din il-Qorti sejra tqis biss il-kawżali waħda dikjarata mir-rikorrenti;

Illi **dwar il-kawżali li s-sentenza kienet milquta minn żball li jidher mill-atti** (Art. 811(l)), huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'titlob il-liġi sabiex kawżali bħal dik titqies mistħoqqa. Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema sura ta' żball irid ikun biex iwassal li sentenza tiġi mħassra. Tali żball irid ikun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball[17]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir

[16] App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli vs Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**) u App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. vs Anna Schembri et.,***

[17] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żammit vs Michael Żammit Tabona et***

tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[18];

Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien l-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[19]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[20];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, r-rikorrenti tgħid li l-imsemmi żball joħroġ ċar mill-fatt li din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-28 ta' April, 2006, nqdiet b'dokument/prospett li kien iddikjarat bħala żbaljat mill-parti nnifisha li ipproduċietu u liema prospett, matul is-smigħ kollu tal-kawża, ħadd mill-partijiet ma qiesu aktar;

Illi minn eżami bir-reqqa ta' dak li seħħ matul il-kors tas-smigħ tal-kawża fi stadju tal-appell, din il-Qorti ssib li dan m'huwiex każ fejn is-sentenza li ngħatat kienet l-effett ta' żball, imma kien każ fejn il-Qorti sabet li, għall-kuntrarju ta' dak li tallega r-rikorrenti, dak id-dokument kien wieħed li kien ta' min joqgħod fuqu u jaċċettah aktar mid-dokumenti kollha li tressqu mill-partijiet sa dak inhar, u tat ukoll ir-raġunijiet għaliex għamlet din l-għażla. Dan kien eżerċizzju għal kollox interpretattiv, bl-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi, eżerċizzju li jsir minn kull ġudikant, taqbel jew ma taqbilx miegħu. Mhux kwestjoni ta' żball li jidher "*ictu oculi*" mill-atti tal-kawża, iżda konklużjoni li din il-Qorti setgħet tasal għaliha billi tagħżel prova minflok oħra, u, b'żieda ma' dan, timmotiva dik l-għażla tagħha b'raġunijiet li m'humiex irraġonevoli jew kontra l-loġika;

Illi dan ifisser li l-każ huwa wieħed ta' interpretazzjoni tal-provi akkwiżiti, u mhux ta' aċċettazzjoni ta' fatt li l-atti tal-

[18] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe vs Mary Camilleri et***
[19] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)
[20] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca***

kawża jiċħdu bħala wieħed li ma jeżistix.  Dan jingħad bl-għarfien sħiħ li l-linja bejn l-interpretazzjoni magħmula minn Qorti għall-fatti li jkollha quddiemha fl-atti proċesswali u l-apprendiment żbaljat ta' fatt miċħud bħala effett ta' interpretazzjoni bħal dik hija waħda li mhix ħaġa ħafifa biex tagħrafha minn qabel u dejjem b'mod distint. Iżda, minħabba l-preżunzjoni li s-sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat għandha mis-sewwa, l-ewwel ipotesi għandha tipprevali sakemm ma tingħatax raġuni tajba u qawwija biżżejjed biex wieħed isib li, fil-fatt, ir-riżultat kien l-applikazzjoni tat-tieni ipotesi;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti tħoss li għandu jingħad li d-dokument li r-rikorrenti trid tiskredita bħala "prova falza" (jiġifieri l-prospett imressaq minnha f'Mejju tal-1990, u li din il-Qorti aċċettat bħala l-bażi tal-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza attakkata) kien sostnut b'xhieda ġuramentata dwaru minn min ressqu.   Dik ix-xhieda u dak id-dokument, imbagħad, għal darb'oħra b'xhieda maħlufa, inbidlu u ġew riveduti b'dokumenti oħrajn wara li r-rikorrenti ntebhet li lanqas l-intimati ma kienu semmew ċeri ħlasijiet li hija kienet attribwitilhom oriġinarjament. Huwa fatt li r-rikorrenti qatt ma talbet li l-ewwel prospett jineħħa mill-atti tal-kawża, u baqgħet temmen li, minħabba dak li ġara fi Frar tal-1992 'il quddiem (jiġifieri meta tressaq id-Dokument "JBX"),  l-ewwel "fatt" kien sorpassat u midfun.  Din il-Qorti ma tistax issib favur raġunament bħal dan, għaliex – taqbel u ma taqbilx mal-eżerċizzju magħmul fis-sentenza llum attakata – l-ewwel prospett, u x-xhieda mogħtija dwaru, kienu disponibbli għall-iskrutinju tal-Qorti bħall-provi u x-xhieda l-oħrajn kollha u setgħu leġittimament jintlaqgħu jew jiġu mwarrba bħal kull prova oħra,  Dan ma jġibx b'daqshekk li s-sentenza attakkata hija l-effett ta' żball, kif qiegħed jiġi allegat;

Illi din il-Qorti żżid tgħid li, kif inhu mgħallem mill-awturi f'dan ir-rigward, "*come e' definito dalla legge, l'errore di fatto e' un vero errore dei sensi; il magistrato ha creduto di vedere negli atti* ***quel che non esiste****, od ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi*

*del corpo e dell'intelletto sulle carte del processo*"[21]. Fil-każ tal-lum, il-fatt żbaljat li ssemmi r-rikorrenti m'huwiex ir-riżultat ta' illużjoni sensorja tal-Qorti kif hawn fuq spjegat, imma huwa fatt imressaq bħala prova li kien imqabbel ma' fatti u provi oħrajn għad-dispożizzjoni tal-istess Qorti;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx lok li s-sentenza impunjata titħassar u li l-kawża tinstema' mill-ġdid;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi **tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti** JEM Investments Limited, bl-ispejjeż kontra tagħha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[21] Mortara Commentario del Codice e Delle Leggi di Procedura Civile (Vol IV, paġ. 504)